# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 332/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Ruth Frau**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata **Ruth Frau**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 264177(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. bejn il-15 u t-18 ta' Frar 2013, f'dawn il-Gżejjer u ċioè minn ġewwa n-Nichols Ground li jinsab f'Manoel Island il-Gżira, ikkommettiet serq ta' *trailer*, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-persuna u kif ukoll

bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u li sar għad-detriment ta' Publius Said u/jew persuni oħra;

2. matul l-istess perjodu u mill-istess lok u ċirkostanzi, ikkommettiet serq ta' tinda, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kif ukoll bil-persuna, u li sar għad-detriment ta' John sive Johann Said u/jew persuni oħra;

3. fl-istess perjodu u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, u ċioè *trailer* u tinda, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reati, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

4. fl-istess perjodu u fil-ġranet ta' wara din id-data, bil-ħsieb li tesorċita flus jew xi ħaġa oħra, jew li tagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, heddedt li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil John sive Johann Said u/jew xi persuni oħra;

5. bejn il-15 u t-18 ta' Frar 2013 u fil-ġranet ta' wara din id-data, bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandha, u ċioè żammet għaliha *trailer* u tinda għad-detriment ta' John sive Johann Said u/jew ta' persuni oħra, ġiegħlet, bl-awtorita' tagħha nnifisha, lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħattiet bini jew kisret il-mixi tal-ilma jew ħadet l-ilma għaliha jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħlet fi ħwejjeġ ħaddieħor;

6. nhar it-22 ta' Novembru 2012, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi

inqdiet b'qerq ieħor, ingann jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlet titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioè ta' John sive Johann Said u/jew ta' persuni oħra;

7. bejn il-15 u t-18 ta' Frar 2013 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, għamlet xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorità kompetenti, u ċioè waqqfet u żammet tinda u *luna park* gewwa n-Nichols Ground li jinsab f'Manoel Island, il-Gżira meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi; u

8. bejn il-15 u t-18 ta' Frar 2013 u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Ġżejjer użat jew ġiegħlet jew ħalliet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnha jew minn dik il-persuna l-oħra skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Lulju 2017 fejn filwaqt li l-Qorti ddikjarat s-seba' (7) imputazzjoni bħala preskritta u konsegwentement estinta, ma sabitx lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, fuq nuqqas ta' provi, u konsegwentement illiberatha minn kwalunkwe ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-21 ta' Lulju 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "***tirriforma*** *s-sentenza appellata billi: (1)* ***tikkonfermaha*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata Ruth Frau mhux ħatja tat-tieni (2), ir-raba'(4), is-seba'(7) u t-tmien (8) imputazzjoni dedotti kontra tagħha; 2.* ***tħassarha u tirrevokaha*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata Ruth Frau mhux ħatja tal-ewwel (1), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni dedotti kontra tagħha u wara li tisma' dan l-appell,* ***tbiddilha*** *f'din il-parti u ssib lill-appellata Ruth Frau ħatja ta' l-imputazzjonijiet hawn enumerati miġjuba kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi, kif ukoll*

*tordna r-restituzzjoni tat-tinda u t-trailer lura lil Johann Said u/jew Publius Said".*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell ippreżentat mill-Avukat Ġenerali in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-4 ta' Lulju 2017. Ir-Rikors ta' appell tal-appellant Avukat Ġenerali huwa limitat biss għall-ewwel (1), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-appellata.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar il-liberazzjoni mill-imputazzjonijiet ta' serq u riċettazzjoni tat-*trailer* (l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni) li kien ġie użat minn Johann Said għat-trasport tat-tinda in kwistjoni. L-appellant jisħaq li t-*trailer* huwa proprjeta' ta' terza persuna u mhux parti mit-tinda jew xi strument anċillari għall-istess tinda kif qalet l-Ewwel Qorti. Jgħid li l-appellata ammettiet li ħadet it-*trailer* li ma jiffigura mkien fil-ftehim u fil-kuntratt li kien hemm bejnha u Johann Said. Jargumenta li Johann Said uża t-*trailer* għax kellu bżonn mezz ta' trasport għat-tinda u li l-fatt li t-*trailer* użah Johann Said biex iġorr

it-tinda tiegħu fuqu ma jfissirx li dak it-*trailer* allura sar parti mit-tinda. Jgħid li huwa ovvju li l-appellata għamlet lukru ġialadarba ħadet hi stess it-*trailer* mingħajr il-kunsens tas-sid u ffrankat il-flus billi ħadet u użat it-*trailer* mingħajr il-permess tal-*parte civile*. Jgħid ukoll li jekk il-Qorti ma ssibx lill-appellata ħatja ta' serq jissussistu ċerti l-elementi ta' riċettazzjoni. Jargumenta li t-*trailer* lanqas biss jissemma fil-ftehim bejn l-appellata u Johann Said. Jisħaq li l-appellata għandha tinstab ħatja ta' serq kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u/jew ta' riċettazzjoni tal-istess *trailer*.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa dwar is-sitt (6) imputazzjoni. L-appellant jisħaq li filwaqt li l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-elementi tal-frodi (bħala truffa), hija naqset milli tikkunsidra wkoll ir-reat fis-sitt (6) imputazzjoni tal-frodi innominata u jgħid li dan għamlitu għaliex l-Artikoli tal-liġi mibgħuta minnu ħarġu biss vis-a-vis Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li r-reat ta' frodi innominata huwa kompriż u nvolut f'dak tal-frodi taħt Artikolu 308. Jgħid ukoll li l-appellata qarrqet u ngannat lill-*parte civile* sabiex tieħu vantaġġ għaliha nnifisha. Filwaqt li jikkonċedi li ma kienx hemm l-elementi kostituttivi tat-truffa (tal-*messa in scena*), jgħid li taħt Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova li l-persuna mixlija qarrqet bil-vittma, b'liema qerq ikun għamel qligħ a skapitu tagħha. Jgħid li jridu jiġu ppruvati l-element intenzjonali tal-qerq kif ukoll tal-lukru u jgħid ukoll li fil-frodi gidba sempliċi hija biżżejjed. Jisħaq li l-appellata qarrqet bil-*parte civile* għaliex fil-ftehim li sar bejniethom hija tagħtu x'jifhem li hi kellha l-permessi kollha biex tiġi armata tinda taċ-ċirklu fil-*ground* ġewwa Manoel Island. Jgħid li l-*parte civile* ntrabat li jġib il-permessi u l-assigurazzjoni iżda l-appellata kellha ġġib il-permessi tal-MEPA marbuta ma' l-art. Jargumenta li l-appellata kienet qed tirrappreżenata l-konċessjoni li hemm fuq din l-art permezz ta' *sponsorship* u li l-*parte civile* ma setax iġib permessi fuq art li mhijiex tiegħu. Jisħaq li skont l-uffiċjal tal-MEPA ma kien inħareġ ebda permess u li Johann Said kien fl-impossibilita' li jġib il-permess tal-Pulizija jekk ma jiġix ippreżentat il-*full development*

*permit* mill-MEPA. Jgħid li l-appellata ffirmat ftehim mal-*parte civile in mala fede* għaliex lanqas biss ippruvat tapplika għall-permess. Jisħaq li meta xehdet hija biddlet il-verżjoni tagħha tliet darbiet u li meta l-*parte civile* mar biex iżarma t-tinda, l-appellata ma ħallitux u minflok żarmat it-tinda hija stess u ħadet it-tinda flimkien mat-*trailer*. Jgħid li l-qerq jinsab fil-ftehim għaliex l-appellata tat x'jifhem lill-*parte civile* li hija kienet in piena regola mal-awtoritajiet. L-appellant jikkontendi li minkejja li l-ftehim kien iffirmat fit-22 ta' Novembru 2012, fid-dati ndikati xorta kien jissussisti r-reat għaliex dan kien wieħed permanenti. Għalhekk l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li l-appellata kellha tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni.

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-ħames (5) imputazzjoni. Jisħaq li l-appellata kellha tinstab ħatja tar-reat ta' *ragion fattasi* u jargumenta li l-appellata ħadet it-tinda li hija proprjeta' ta' Johann Said biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha li skont hi joħroġ mill-kuntratt. Jgħid li hija qabdet u ħadet il-liġi b'idejha flok għażlet il-proċess legali u li minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fil-ħames (5) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dwar l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha raġonevolment u legalment. In fatti l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha

eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni (serq ta' *trailer*) u t-tielet (3) imputazzjoni (li hija dwar riċettazzjoni ta' *trailer* u tinda għalkemm l-Avukat Ġenerali llimita l-aggravju tiegħu għat-*trailer*).

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal ftehim (*a fol.* 12 *et seq.*) iffirmat minn Johann Said u l-appellata Ruth Frau fit-22 ta' Novembru 2012 bis-saħħa ta' liema ftehim l-appellata allokat spazju lil Johann Said biex jinstalla tinda. Johann Said kellu r-responsabilita' li jżarma t-tinda mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu 2013 u skont l-ewwel (1) klawsola tal-ftehim, f'każ li Johann Said ma jneħħix it-tinda *"such shall be deemed that the Second Party [Johann Said] would be abandoning the Tent in favour of the First Party [Ruth Frau] and as a result the First Party would have acquired possession and ownership of the Tent."* Barra minn hekk ir-raba' (4) klawsola tistipula s-segwenti: *"[... ]. Should the Second Pary [Johann Said] for any reason default in his obligation towards the First Party of paying any of the installments of the Concession fee in a timely manner as agreed in this Agreement, the same Second Party is hereby giving as a*

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

*guarantee in favour of the First Party the same Tent installed on the Concession which will serve as an alternative to payment by the Second Party to the First Party and will extinguish the Second Party's obligation of payment, including interest due, towards the First Party. It is in this regard being confirmed by the Second Party [Johann Said] that the Tent is the exclusive ownership of the same Second Party."*

Illi mill-provi jirriżulta li Johann Said kien tella' t-tinda tliet ġimgħat qabel ma sar il-ftehim. Fl-istqarrija tagħha l-appellata qalet li kienet qed iżżomm it-tinda "*Għax il-kuntratt jgħid li jekk Johann Said ma jħallasx il-flus dovuti lili, hu stess kien għamel bħala garanzija t-tinda. Sal-ġurnata tal-lum [29 ta' April 2013], Johann Said għad baqagħlu jagħtini disat elef Euro. [...] Jiena qed nimxi ma' dak li hemm miktub fil-kuntratt li għamilna jiena u Johann Said*" (*a fol.* 10).

Illi t-talba għall-ħlas saret ukoll permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu 2013 (Dok. "AA 1" – *a fol.* 406).

Illi din il-Qorti tinnota li fil-proċeduri kriminali għal kull reat japplika l-prinċipju *actus non facit reum nisi mens sit rea*. Minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali jidher li l-appellata kienet għadha qed tistenna ċertu ħlas minn għand Johann Said u kien għalhekk li żammet it-tinda u t-*trailer*, liema oġġetti kienu nġiebu għandha minn Johann Said innifsu. Dan ifisser li l-appellata ma marritx u ħadet l-oġġett u meta ċaqalqithom hi ma kellha ebda intenzjoni li tisraq it-tinda jew it-*trailer* iżda riedet timxi mal-ftehim ġaladarba l-ħlas ma kienx sar.

Illi dawn huma proċeduri kriminali u għalhekk din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tindaħal jew tiddeċiedi xi punt ta' natura ċivili. Għal kull buon fini jiġi nnutat li aktar 'il fuq din il-Qorti għamlet riferenza għall-istqarrija rilaxxata mill-appellata minħabba li mkien ma kien hemm xi oġġezzjoni mid-difiża biex din ma tintużax u minħabba li minnha temerġi r-reazzjoni tal-appellata *a tempo vergine*. Minn dan kollu ma hemmx xi prova 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-appellata kellha l-intenzjoni li tisraq it-*trailer*. Barra minn hekk l-appellata għażlet li tixhed matul il-proċeduri iżda meta xehdet baqgħet prattikament tgħid dak li kien

hemm fl-istqarrija għalkemm qalet punti oħra dwar il-permessi u l-assigurazzjoni. Hija nsistiet li l-obbligi tagħha kienu limitatament biex tottjeni permessi minn għand il-Gżira United u l-MIDI u li dawn ġabithom. Dwar il-permessi tal-MEPA hija qalet li llum taf li tenħtieġ permessi jekk jaqbeż ċerta żmien.

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni li hija dwar is-serq ta' *trailer*, din il-Qorti qieset l-elementi ta' serq kif elenkati mill-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu. L-elementi huma l-*contrectatio* ta' xi ħaġa, li tkun ta' ħaddieħor, magħmul b'mod frawdolenti, mingħajr il-kunsens tas-sid u li jkun hemm l-intenzjoni tal-lukru.

Illi l-mod kif rat l-affarijiet l-appellata Ruth Frau huwa li t-*trailer* huwa parti mit-tinda għaliex din irid ikollha fejn tistrieħ ġialadarba t-tinda titniżżel. Dan huwa punt dibattibbli fi proċeduri ċivili jekk verament hux il-każ iżda fi proċeduri kriminali wieħed irid iqis il-*mens rea* tal-persuna waqt li kienet qed tieħu d-deċiżjoni. Barra dan, f'dan il-każ hemm kundizzjoni f'kuntratt u asserzjoni li kien baqa' bilanċ x'jitħallas u għalhekk jonqos l-element tal-*animo lucrandi*.

Illi l-appellata fehmet li t-*trailer* u t-tinda huma ħaġa waħda għaliex it-tinda ma tgħaddix mingħajr it-*trailer*. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx provi biżżejjed dwar l-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi din il-Qorti qieset ukoll jekk il-fatti jaqgħux taħt ir-reat ta' approprjazzjoni bla jedd *ai termini* ta' Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jiddisponi s-segwenti:

> "Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu speċifikat, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

> Iżda ebda proċedimenti kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."

Illi Artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntitolat "Verdett fil-każ ta' serq, misapproprjazzjoni jew riċettazzjoni" jaqra hekk:

> "Jekk persuna, fuq akkuża ta' serq, sew jekk sempliċi sew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan; u, reċiprokament, persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tiġi ddikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, tal-oġġett involut jekk ikun hemm provi dwar dan: [...]."

Illi din il-Qorti rat is-sub-Artikoli ta' Artikolu 525 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntitolat "Dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-qrati oħra kriminali" fosthom il-Qorti tal-Maġistrati skont Artikolu 525(1) u ma sabet ebda riferenza għall-applikazzjoni ta' Artikolu 476(2) għall-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk l-eżerċizzju kkontemplat f'Artikolu 476(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax isir.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni li tirrigwarda r-riċettazzjoni, din temerġi minn Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> "Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati [...]."

Illi l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li t-tinda jew it-*trailer* huma misruqa u b'hekk isegwi li l-appellata ma tistax tinstab ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni.

B'hekk tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Qorti ma daħlitx *funditus* dwar jekk il-frodi innominata tinkwadrax f'dawn il-proċeduri għaliex isostni li l-frodi innominata hija kompriża u involuta fir-reat ta' truffa.

Illi fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Manicolo**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat dan il-punt msemmi hawn fuq u qalet hekk:

> "[...] ir-reat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 u fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materia."

Illi minn naħa l-oħra fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** (Numru 130/2003), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal "qerq", ċioè tkun intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikiment għal min jgħid dik il-gidba."

Illi l-Avukat Ġenerali (*a fol.* 449) ikkonċeda li ma jirriżultawx l-elementi tat-truffa iżda jsostni li għal Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa biżżejjed li jkun hemm 'gidba' li mbagħad twassal għat-telf patrimonjali. L-Ewwel Qorti studjat l-

elementi ta' Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (l-artikolu li ndika l-Avukat Ġenerali) u ma sabitx lill-appellata ħatja taħt dan l-artikolu. Imma mbagħad l-Ewwel Qorti kompliet tgħid hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 438):

> "Madanakollu irid jingħad li ma nġiebet ebda prova li l-imputata kienet inveritjiera ma' Said. Anzi ċ-ċirkostanzi jimmilitaw kontra sejbien ta' ħtija tal-imputata [... u hawn l-Ewwel Qorti telenka numru ta' raġunijiet]."

Illi mill-provi jirriżulta li t-tinda kienet twaħħlet tliet ġimgħat qabel sar il-ftehim kif jammetti Johann Said stess. Johann Said jgħid li hu rama t-tinda għaliex emmen li l-appellata kienet ġabet il-permessi meħtieġa. Minn kif xehdet l-appellata jidher li hi wara saret taf li la kien ser jaqbeż ċertu żmien riedet il-permess tal-MEPA. Issa hawn hija kwistjoni ta' kredibilita' tax-xhud.

Illi l-Qorti għalhekk qieset ukoll jekk l-appellata ħabirkitx biex ġabet il-permessi l-oħra u filfatt hekk għamlet. Isegwi li f'dawn iċ-ċirkostanzi li kieku kienet taf dwar il-ħtieġa ta' *full development permit* mill-MEPA ma kinitx tonqos li ġġib dan il-permess ukoll. Barra din il-konsiderazzjoni, l-appellata kien ukoll ser ikollha parti mill-qligħ u għalhekk kien fl-interess tagħha stess li jkollha dan il-permess biex ma tipperikolax id-dħul tagħha stess. Meta jitqies dan kollu ma jistax wieħed jikkonkludi li l-appellata kienet *in mala fede* meta ffirmat il-kuntratt. Din il-*mala fede* ma ġietx ippruvata u b'hekk jeżisti dubju raġonevoli jekk l-appellata qalitx xi gidba dwar il-permessi – ħaġa li wara kollox Johann Said seta' jaċċerta ruħu dwarha qabel twaħħlet it-tinda. Għandu jingħad li jirriżulta li Said huwa bniedem imħarreġ fil-mestjier u hu seta' faċilment jistabbilixxi jekk il-permess tal-MEPA kienx jeżisti jew le qabel waħħal it-tinda aktar u aktar meta kien mgħarraf bid-data finali li setgħet tintuża t-tinda. L-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi ma jiskuża lil ħadd. Fil-fatt l-appellata kienet akkużata proprju b'dan fis-seba' (7) imputazzjoni, liema imputazzjoni ġiet dikjarata bħala preskritta mill-Ewwel Qorti u għal kull buon fini ma sar l-ebda appell dwarha mill-Avukat Ġenerali.

Illi għandu jingħad li l-prinċipju li kkwota l-Avukat Ġenerali japplika għas-seba' (7) imputazzjoni b'dan illi għandu jiġi nnutat li ma jfissirx li dan in-nuqqas ta' għarfien tal-liġi jwassal għall-qerq. Kif diġa' ntwera hemm diversi fatturi li jwasslu għall-konklużjoni li l-appellata ma għamlet ebda qerq.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati rraviżat ukoll kif inhi redatta l-imputazzjoni, fis-sens li l-imputazzjoni hija marbuta mad-data tat-22 ta' Novembru 2012. L-Avukat Ġenerali jiddeskrivi r-reat ta' frodi bħala ta' natura permanenti. Fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

> "[..W]e should not confuse the continuance of the effects of an offence with the continuance of the offence itself: There may be the former even if the offence is definitely instantaneous. Thus, for instance, homicide, bodily harm, theft, etc., are instantaneous offences, although the effects of them are permanent. [...]
>
> An offence is instantaneous if the violation of the right or interest is protected by the law is entirely competed as soon as all the elements constituting the offence actually concur. The effects of the offence may or may not continue after the perpetration of the act or omission constituting the offence: but if they continue, it is not because of any of any further act or omission on the part of the offender or of the permanence of his original act or omission, but merely as a result of such original act or omission; in other words, the continuance of the offence is not occasioned by the repetition or the continuance of the wrongful act or omission which gave rise to the violation of the right or interest protected by law."

Illi fid-dawl ta' dak li kiteb il-Professur Sir Anthony Mamo dan ir-reat in eżami jista' jitqies istantanju. Għalhekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-irbit mad-data kien korrett.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-appellata kellha tinstab ħatja tal-ħames (5) imputazzjoni u ċioè tar-reat ta' *ragion fattasi*. Huwa jisħaq li l-appellata ħadet il-liġi b'idejha flok ma rriferiet il-kwistjoni lill-Qorti.

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew ripetuti diversi drabi mill-Qrati Maltin bħala:

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

*In oltre*, ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.[2]

Illi l-Ewwel Qorti rriferiet għall-ftehim li kien sar fejn it-tinda kellha ssir proprjeta' tal-appellata Frau jekk il-flus ma jitħallsux għax dina kienet garanti tal-ħlas tant li fi klawsola erbgħa (4) tal-ftehim (*a fol.* 12 *et seq.*) hemm imniżżel hekk: *"[..] the same Second Party is hereby giving as a guarantee in favour of the First Party the*

[2] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs. Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

*same Tent installed on the Concession which will serve as an alternative to payment by the Second Party to the First Party and will thus extinguish the Second Party's obligation of payment, including interest due, towards the First Party."'*

Illi l-kompetenza tal-Qrati Kriminali hija biex tistabbilixxi seħħx reat jew le. Fil-fehma tal-Qorti ma ġewx ippruvati l-elementi msemmija tal-ħames (5) imputazzjoni u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ma sabitx ħtija fl-appellata fir-rigward tal-ħames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha. B'hekk it-tielet aggravju tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**